**BORD LI JIRREGOLA L-KERA**

**Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M. Jur**
**CHAIRPERSON**

**Rikors numru 74/2013**

**Maria Aquilina (ID 473263M) bhala prokuratrici ta' Giuseppa Camenzuli, Salvu sive Silvio Camenzuli, Philip Camenzuli u Jacqueline Camenzuli – kollha assenti minn dawn il-Gzejjer**

**vs**

**Joseph Camilleri.**

**Illum 15 ta' Dicembru, 2016**

Il-Bord;

Ra r-rikors promutur li jghid hekk:

> Illi l-mandanti taghha huma s-sidien tal-fond 12-13, Sabella Lane, Birkirkara, konsistenti f'dar u garage, mikri lill-intimati

versu l-kera ta' €185 fis-sena pagabbli kull sena bil-quddiem fl-1 ta' Settembru.

Illi matul il-kors tal-kirja, l-intimat, minghajr il-kunsens u ghall-insaputa tas-sidien u jidher illi anki minghajr il-permess tal-MEPA, bena xi kmamar fuq l-arja tal-Garage;

Illi dan ghamlu bi ksur tal-Art. 1547 u 1564 tal-Kap. 16 u jammonta ghall-hsara hafna fil-fond bi ksur tal-Art. 9 (a) tal-Kap. 69 u dan jintitola lill-esponenti nomine biex tittermina l-kirja u tirriprendi pussess tal-fond.

Ghaldaqstant, l-esponenti nomine titlob bir-rispett illi dana l-Bord jawtorizzaha tittermina l-kirja u tirriprendi l-pussess tal-fond 12-13 Sabella Lane, Birkirkara.

Bl-ispejjez

Ra wkoll ir-risposta tal-intimat li tghid hekk:

1. Illi preliminarjament l-attrici nomine ghandha taghti prova tat-titolu li qed jigi vantat fuq il-fond 12-13, Sabella Lane, Birkirkara;

2. Illi minghajr preguddizzju ghas-suespost u preliminarjament ukoll, Maria Aquilina ghandha taghti prova tar-rapprezentazzjoni legali taghha bhala prokuratrici tal-imsemmijin Giuseppa Camilleri, Salvu sive Silvio Camenzuli, Raymond Camenzuli, Philip Camenzuli u Jacqueline Camenzuli;

3. Illi fil-mertu, it-talbiet attrici huma ghal kollox infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez, stante illi m'huwiex minnu illi l-konvenut bena xi kmamar fuq l-arja tal-garage, izda l-fond ghadu tal-ekwali ghal meta bdiet il-kirja mertu tal-kawza de quo;

4. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Ra l-atti kollha tal-kawza;

Ra illi fis-seduta tal-04 ta' Lulju 2016 l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza;

Ra l-atti kollha tal-kawza u qies id-dokumenti u provi kollha prodotti.

Ikkunsidra:

Illi fil-kawza odjerna r-rikorrenti qed jitolbu li dan il-Bord jawtorizzahom jitterminaw il-kirja u jirriprendu l-pussess tal-fond 12-13 Sabella Lane, Birkirkara u dan minhabba tibdiliet strutturali bla kunsens konsistenti fil-bini ta' kmamar fuq il-garaxx.

L-intimat jeccepixxi illi r-rikorrenti nomine ghandha (1) taghti prova tat-titolu, (2) taghti prova tar-rapprezentanza legali tal-imsemmijin Giuseppa Camenzuli, Salvu sive Silvio Camenzuli, Philip Camenzuli u Jacqueline Camenzuli u (3) fil-mertu, huwa qatt ma ghamel tibdiliet strutturali.

Illi r-rikorrenti Maria Aquilina esebiet kopja tal-prokura moghtija lilha mir-rikorrenti l-ohra u kopja tal-kuntratt tal-akkwist tal-fond mertu tal-kawza u dawn sabiex tirribatti l-ewwel zewg eccezzjonijiet preliminari tal-intimat. Illi dawn l-ewwel zewg eccezzjoni gew ghalhekk sorvolati b'tali dokumenti.

Illi fil-mertu r-rikorrenti ma xehdux dwar dak allegat minnhom. Huma ressqu bhala prova r-rapport tal-Perit Censu Galea nkarigat minnhom stess bhala Perit ex parte. Dan jikkonferma li saru xi tibdiliet “ricenti” konsistenti fil-bini ta’ kmamar fuq il-garage. Xehed ukoll Oliver Magro, rapprezentant tal-MEPA, li kkonferma li ma sarux applikazzjonijiet ricenti ghall-izvilupp fuq l-imsemmi fond.

Illi l-intimat ressaq bhala xhud lil Agostina Felice, li kellha c-cens tal-fond qabel ghaddiet il-fond lill-intimat stess. Din tiddikjara li l-kcina u l-kamra tal-banju fuq il-garage kienu bnewhom hi u zewgha “madwar hamsin sena ilu” meta dahlu fil-fond u hallewhom hemm meta telqu mill-istess fond u ghaddew il-fond lill-intimat. L-intimat u martu t-tnejn jikkonfermaw li ma ghamlu l-ebda tibdiliet fil-fond u l-kcina u l-kamra tal-banju kienu hemm mill-bidu tal-kirja.

Il-Membri Teknici tal-Bord ipprezentaw ir-rapport taghhom a folio 53 et sequitur tal-process. Mill-konstatazzjonijiet taghhom u mir-ritratti esebiti mal-istess rapport jirrizulta li fil-fatt il-kamra tal-kcina u l-kamra tal-banju huma strutturi li jmorru lura madwar hamsin sena. Dan jirrizulta mit-tip ta’ xibka li ntuzat ghall-bejt, mit-tip ta’ madum u mill-katusa tal-fuhhar li kienu jintuzaw madwar hamsin sena ilu.

Illi fid-dawl ta’ dan kollu, it-talbiet tar-rikorrenti ma jirrizultawx pruvati.

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Bord qieghed jichad it-talbiet tar-rikorrenti bl-ispejjez kontra taghhom.

***(ft) Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M. Jur.***

(ft) Angelo Buttigieg
Deputat Registratur